# APPELLI INFERJURI
# IT-TIENI PARTI
# IT-TIELET SEZZJONI

**28 ta' Jannar, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Victor Camilleri

*versus*

Carmelo Camilleri u George Camilleri

## Kompetenza - Diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti - Qorti tas-Sekond Grad u Diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti

*L-attur talab l-iżgumbrament tal-konvenut minn porzjoni ta' art. L-ewwel Qorti lliberat wieħed mill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju u stabbiliet titolu lokatizzju u ddikjarat ruħha inkompetenti.*

*Ir-rilevanza tas-sentenza hija partikolarment fir-riflessjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell kif waslet għall-konklużjoni, li ma kellhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Frar, 1993, u li taqra hekk:

"Rat it-talba għall-kundanna tal-konvenuti sabiex, prevja

okkorrendo kull dikjarazzjoni ta' responsabilità da parti tagħhom, jiżgumbraw minn dik il-parti fil-pjanta annessa mal-avviż u mmarkata bl-ittra "X" (Ara Dok. A) formanti parti mill-għalqa imlaqqma "Tal-Hofra", limiti ta' l-Imrieħel, proprjetà ta' l-attur u dawn stante li huma qegħdin jokkupawha mingħajr ebda titolu validu fil-liġi: għall-fini ta' kompetenza qiegħed jiġi ddikjarat li l-valur lokatizju tal-meritu ma jeċċedix il-ħamsin lira Maltija";

"Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra bonarja ddatata 29 ta' Mejja 1990. Il-konvenuti ġew inġunti għas-subizzjoni";

"Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu illi huma jokkupaw l-għalqa in kwistjoni b'titolu ta' qbiela u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu";

"Rat l-atti l-oħra tal-kawża u d-dokumenti esibiti";

"Semgħet il-provi";

"Semgħet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet";

"Ikkunsidrat":

"Illi jingħad mill-ewwel li għalkemm il-konvenuti qegħdin jeċċepixxu li għandhom titolu ta' qbiela, mix-xiehda ta' l-istess konvenuti ma tirriżulta l-ebda pretensjoni tal-konvenut George Camilleri li għandu xi titolu fuq l-art in kwistjoni. Anke mix-xhieda ta' l-attur ma tirriżulta l-ebda allegazzjoni li din l-art hija b'xi mod okkupata mill-imsemmi konvenut George Camilleri. Ma hemm l-ebda dubju li meta George Camilleri mar joffri l-kera, dan kien qed jagħmlu għan-nom ta' missieru l-konvenut l-ieħor

Carmelo Camilleri. Għalhekk filwaqt illi jirriżulta li George Camilleri ma għandu u lanqas jippretendi li għandu xi titolu fuq din l-art, lanqas ma jirriżulta li qiegħed jokkupa l-istess art u għalhekk hu estraneju għall-każ odjern u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju";

"Illi dwar il-konvenut Carmelo Camilleri, dan xehed li kien ingħata l-art minn Salvu Camilleri, missier l-attur, li ried biss Lm2 fis-sena - għax daqshekk kienet tiġih u dan xi sitta u għoxrin sena ilu. Il-konvenut George Camilleri xehed *li mar f'żewġ* okkażjonijiet għand l-attur u d-darbtejn żammhom il-flus l-attur. L-attur jiċħad li qatt irċieva flus u anke pproduċa lil oħtu Lorenza Sant li kienet prokuratriċi ta' missierha u li qalet li missierha qatt ma qalilha li kien qed jirċievi xi flus mingħand Carmelo Camilleri, l-irċevuti kienet tagħmilhom hi. Issa ċertament l-aħjar prova f'każ ta' allegazzjoni ta' titolu hi l-irċevuta. Hawn għandna assenza totali ta' riċevuti. Dan ma jfissirx li ma tistax issir il-prova b'mezzi oħra. Il-provi hawn kienu jikkonsistu fix-xhieda mogħtija mill-partijiet u tax-xhieda l-oħra prodotti mill-attur. Il-kwistjoni trid tirrisolvi ruħha "*on a balance of probability*" fejn tinsab il-verżjoni l-aktar kredibbli";

"Illi Carmelo Camilleri xehed li bejnu u Salvu Camilleri kien hemm l-irġulija u inoltre li ħadd minnhom ma kien jaf jikteb. Xehed li huwa offra Lm4 iżda Salvu qallu li jrid Lm2 għax daqshekk kienet tiġih dik il-porzjoni ta' art. Lorenza Sant tgħid li kienet preżenti meta sar il-ftehim bejn missierha Salvu u Carmelo Camilleri u tgħid li missierha qal lil Carmelo Camilleri li ma ried xejn tal-art peress illi mhix art tiegħu u allura ma seta' jirċievi xejn għaliha. Jista' jiġi argumentat li din tikkunsisti prattikament f'korrobarazzjoni ta' dak li xehed Carmelo Camilleri peress illi jekk verament dan kien iħallas Lm2 lil Salvu Camilleri, dan kien

qiegħed biss jirrifondilu l-pagament tal-qbiela li kien iħallas Salvu, iżda li xorta jfisser li Carmelo Camilleri, kien ottjena titolu ta' subinkwilinat. U l-Qorti hi tal-fehma li l-verità tinsab proprju hawn. Difatti jidher li l-attur beda jagħmel pressjoni fuq il-konvenut biex joħroġlu mill-art minħabba istigazzjoni ta' terzi. Peter Paul Sant, żewġ Lorenza, jgħid: "Wara xi żmien billi Karmnu Camilleri baqa' juża din l-art u lili l-attur talabni l-art u ħriġtlu, ilmentajt miegħu kif lili kien talabni l-art u tlaqtha f'idejh filwaqt illi Karmnu Camilleri kien għadu qiegħed jaħdimha . Il-Qorti għalhekk tal-fehma li bejn Salvu Camilleri u Carmelo Camilleri giet stabbilita relazzjoni ta' subinkwilinat favur Carmelo Camilleri, Salvu Camilleri hu l-eventi kawża ta' l-attur u għalhekk ma jidhirx li hemm għalfejn tidħol fil-meritu ta' jekk l-attur irċeviex xi pagament jew le mingħand il-konvenuti. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti mhijiex kompetenti tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi fil-konfront tal-konvenut Carmelo Camilleri";

"Għal dawn il-motivi";

"Tiddeċidi billi filwaqt illi tillibera 'l-konvenut George Camilleri mill-osservanza tal-ġudizzju, fil-konfront tal-konvenut Carmelo Camilleri tiddikjara ruħha mhux kompetenti "*rationae materie*" tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attriċi. Bl-ispejjeż kontra l-attur";

Min din is-sentenza appella Victor Camilleri li qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn illiberat lil George Camilleri mill-osservanza tal-ġudizzju għar-raġunijiet hemm imsemmija fl-istess sentenza, tħassar u tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn fil-konfront tal-konvenut Carmelo Camilleri ddikjarat ruħha mhux kompetenti

*"rationae materiae"* tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba, u għarraġunijiet indikati fil-petizzjoni ta' l-appell tilqa' t-talbiet attriċi u tiddikjara lill-istess Carmelo Camilleri li qiegħed jokkupa l-art in kwistjoni mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u tordna l-iżgumbrament tiegħu mill-imsemmija art, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenuti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant qed issottometti fl-ewwel lok illi fil-prim' istanza ma ġie prodott ebda dokument jew irċevuta, fis-sens li jindika li l-konvenuti kellhom prova li huma ħallsu imqar l-iċken ħaġa biex tikkostitwixxi qbiela jew sullokazzjoni tal-qbiela; anzi mill-provi prodotti wieħed josserva li l-appellati ipprovaw joħolqu kull ċirkostanza possibbli, bħal per eżempju ħlas inispeċie, biex jippruvaw joħolqu titolu favorihom;

Mill-provi prodotti mill-attur, però jirriżulta li l-imsemmija kovenuti kienu qegħdin jokkupaw din il-biċċa art b'mera tolleranza da parti ta' Salvu Camilleri li kif ikkonfermat Lorenza Sant li kienet preżenti fit-trattattivi, Salvu Camilleri univokament ma ried xejn u ma talab ħlas ta' xejn għax hu kien il-ġabillott titulari tal-qbiela ta' l-art in kwistjoni;

L-appellant jissottometti wkoll illi mhux korretta l-konklużjoni ta' l-ewwl Qorti illi x-xhieda li tat Lorenza Sant

tikkorrobora dik ta' Carmelo Camilleri anzi mhux biss ma tikkorroborahiex iżda prattikament, dijametrikament opposta u huwa inspjegabbli kif l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha. Lorenza Sant, fil-fatt, fix-xhieda tagħha tikkonfuta u mhux tikkorrobora x-xhieda ta' Carmelo Camilleri u minn imkien ma jirriżulta li b'xi mod Salvu Camilleri, għall-inqas żgur mhux fil-preżenza ta' Lorenza Sant, talab lil Carmelo Camilleri li jirrifondilu z-zewġ liri Maltin (Lm2) qbiela;

Illi kif sewwa gie sottomess mill-kovenuti appellati waqt it-trattazzjoni u anke fir-risposta ta' l-appell tagħhom, il-vertenza f'dan l-appell tirrisolvi ruħha fi kwistjoni ta' fatt u xejn izjed;

Din il-Qorti eżaminat il-provi illi ġew prodotti fil-prim' istanza in konfront ma' dak illi kkonstatat l-ewwel Qorti u tara illi d-diskrezzjoni li eżerċitat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata m'għandhiex tiġi ddisturbata minn din il-Qorti. Effettivament, apparti l-kwistjoni jekk Lorenza Sant tikkorroborax jew tikkontradiċix ix-xhieda tal-kovenut appellat Carmel Camilleri, jidher ovvju illi l-pern tal-kwistjoni huwa l-fatt li hemm żewġ verżjonijiet apparentament kompletament opposti, mentri fil-verità mhux neċessarjament huma mija fil-mija kontradittorji ta' xulxin. Din il-Qorti fil-fatt osservat anke fid-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-attur appellant. Ċerti riservi mentali fis-sens ta' "sa fejn naf jien" mentri l-verżjoni tal-konvenuti hija waħda u univoka u din il-Qorti tgħid ukoll illi kieku kellha hi tiddeċidi għall-ewwel darba fuq il-bażi tal-provi li ġew sottomessi kienet tasal għall-istess konklużżjoni raġġunta mill-ewwel Qorti;

Fuq l-aspett tan-nuqqas ta' dokumenti u partikolarment ta' riċevuti, kif sewwa ġie osservat, għalkemm f'każijiet bħal dawn il-preżenza ta' riċevuti normalment tkun risoluttiva ħlief meta l-

istess ikunu finta, in-nuqqas ta' tali riċevuta mhux neċessarjament jeskludi l-ħlas partikolarment f'ċerti ambjenti tas-soċjetà fejn ikun hemm element ta' illetteratiżmu u anke ta' ħbiberija u fiduċja reċiproka;

Din il-Qorti tirrepeti illi ma jidhrilhiex illi huwa l-każ li tvarja diskrezzjoni li eżerċitat l-ewwel Qorti u għalhekk sejra tgħaddi biex tirrespinġi l-appell;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

Spejjeż ta' din l-istanza a kariku ta' l-appellant, Victor Camilleri.